# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 32/2019/2 BS**

**Michelangelo Attard**

**v.**

**Joseph Bajada, Karen Bajada u Carmel Attard**

**PRELIMINARI:**

1. Fit-12 ta' April 2019 l-attur intavola din il-kawża ta' spoll rigwardanti aġir allegatament imwettaq mill-konvenuti fl-għalqa/razzett li jinsabu fil-pussess tiegħu, fejn talab li jiġi dikjarat li l-istess konvenuti:

- daħlu fl-għalqa, kisru l-bieba li tagħti għall-kamra agrikola u

l-arloġġ tad-dawl;

- saqu vettura fl-għalqa b'mod li tgħaffeġ il-wiċċ taż-żergħa;
- qegħdu trakk biex jostakolaw l-aċċess liberu tiegħu għall-għalqa,

u biex jiġu kkundannati jiżgumbraw mill-art u jreġġgħu kollox għall-istat pristin tiegħu, u biex fin-nuqqas jiġi awtorizzat biex jagħmel tali xogħlijiet hu a spejjeż tagħhom.

2. Permezz tas-**<u>sentenza preliminari</u>** mogħtija minnha fit-3 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, iddikjarat it-tliet konvenuti kollha kontumaċi u ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata tagħhom. (Jiġi ppreċiżat li fir-rigward tal-konvenuti Karen Bajada u Carmel Attard osservat li dawn lanqas biss talbu li jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom; u fir-rigward tal-konvenut Joseph Bajada irriżultalha li t-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu ma kinitx attendibbli).

3. Permezz tas-**<u>sentenza finali</u>** mogħtija fil-15 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ikkonkludiet li l-pretenzjonijiet attriċi rriżultaw pruvati u għalhekk <u>laqgħet it-talbiet tal-attur.</u>

**RIKORS TAL-APPELL TAL-KONVENUTI (01.02.2021)**

4. Il-konvenuti ħassewhom aggravati biż-żewġ deċiżjonijiet u għalhekk interponew l-appell odjern fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

a) Tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza preliminari deċiża fit-3 ta' Lulju 2020 appellata u konsegwentement tibgħat lura l-atti, u tawtorizzahom jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom u b'hekk l-ewwel Qorti tkompli tisma' il-kawża fil-mertu;

b) Alternattivament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza finali deċiża fil-15 ta' Jannar 2021 minħabba difett fis-sentenza.

5. **L-aggravji** tal-konvenuti huma s-segwenti:

(i) **L-ewwel aggravju**:

Fl-ewwel lok isostnu li l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta fis-sentenza finali qalet:

> *"Illi għalhekk il-pretenzjonijiet attriċi jirriżultaw ippruvati, u fil-verita` lanqas huma kkontestti, għax kif ġia ingħad qabel l-intimati ġew dikjarati kontumaċi b'sentenza preliminari li ma ġietx appellata."* (enfasi tal-appellanti)

Huma jargumentaw li sentenza preliminari rigwardanti l-

kontumaċja tista' tiġi appellata flimkien mal-appell mis-sentenza finali, ai termini tal-Artikolu 231 tal-Kap 12, u li allura għadhom fiċ-ċans li jappellaw minn nuqqas ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

Fit-tieni lok jenfasizzaw li meta Joseph Bajada irrifjuta n-notifika tal-att ġudizzjarju ma kienx fi stat ta' saħħa mentali tajba, kif huwa kkonfermat miċ-ċertifikat u x-xiehda tal-psikjatra tiegħu.

**(ii) It-tieni aggravju:**

Il-konvenuti appellant jagħmlu riferenza għall-istess paragrafu suċitat, din id-darba b'aċċenn fuq il-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li t-talbiet m'humiex kontestati:

> *"Illi għalhekk il-pretenzjonijiet attriċi jirriżultaw ippruvati, u fil-verita` lanqas huma kkontestati, għax kif ġia ingħad qabel l-intimati ġew dikjarati kontumaċi b'sentenza preliminari li ma ġietx appellata."* (enfasi tal-appellanti)

Jargumentaw li din il-linja ta' ħsieb li fuqha ġiet deċiża l-kawża appellata hija skorretta u jmur kontra l-prinċipju legali tal-kontumaċja stante li meta wieħed ikun kontumaċi dan ifisser li bis-silenzju tiegħu ikun qed jikkontesta dak pretiż mill-parti l-oħra. Jargumentaw li l-fatt li l-kontumaċi ma jistax iwettaq

kontro-eżami tax-xhieda tal-parti attriċi ma jissarrafx awtomatikament fil-fatt li tali depożizzjonijiet m'għandhomx jiġu skrutinizzati u mwieżna mill-ġudikant.

**(iii) It-tielet aggravju:**

Il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi għaliex ma jirriżultax kuntratt pubbliku wieħed li b'xi mod seta' qatt ikkonvinċa lill-ewwel Qorti li l-attur għandu jedd u pussess validu b'titolu tal-passaġġ in kwistjoni. Isostnu li għall-kuntrarju għandhom kuntratti pubbliċi li jxejnu l-allegazzjonijiet fiergħa u bla bażi tal-attur (*kopja ta' liema atti ġew annessi mar-rikors tal-appell)*

**(iv) Ir-raba' aggravju:**

Finalment jilmentaw li l-ewwel Qorti straħet fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet inveritiera stante li l-intimat Carmel Attard[1] ilu jgħaddi mill-passaġġ 42 sena u kien hu stess li fetaħ il-passaġġ għal wieħed ikbar biex seta' jgħaddi iktar komdu bil-moħriet u l-karru. Ifakkru wkoll li kienu seħħew diversi atti

[1] Jidher li dan huwa żball u jrid jaqra Carmel Bajada

spoljattivi da parti tal-attur. Jgħidu li:

- F'Settembru 2018 kienu sabu borġ ġebel jimblokka l-passaġġ, li tneħħa wara jumejn;

- Darb' oħra l-attur kien qabbad xi nies jimblukkaw il-passaġġ b'gaffa kbira li għalqet l-aċċess min-naħa sa oħra;

- Darb' oħra meta ppruvaw jgħaddu mill-passaġġ sabu ħajt tal-ġebel, li kien tneħħa wara li bagħtu ittra uffiċjali datata 3 ta' Jannar 2019 (3/2019) – *kopja annessa mar-rikors tal-appell*;

- Darb' oħra l-passaġġ ġie mbarrat b'kanna tal-ħadid fejn kien sar rapport mal-pulizija (10/Z/449/2019) – *kopja annessa mar-rikors tal-appell* – u llum għamlu gate tal-ħadid.

- Sussegwentement l-attur ħarat il-passaġġ biex jidher bħala għalqa u huma bagħtulu ittra uffiċjali datata 27 ta' Settembru 2019 (610/2019) – *kopja annessa mar-rikors tal-appell.*

- Fil-mori tal-kawża l-attur jew familjari jew nies oħra nkarigati minnu ħawwlu 38 siġra li jikbru pjuttost malajr biex sfaċċatament jimblokkaw il-passaġġ.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTUR APPELLAT (23.02.2021)</u>**

6. L-attur wieġeb biex jgħid li s-sentenzi appellati huma ġusti u jimmeritaw konferma bl-ispejjeż doppji kontra l-konvenuti stante li l-appell huwa frivolu u vessatorju u immirat biex itawwal iż-żmien sakemm jiġi reintegrat l-ispoll.

7. Huwa wieġeb biss fil-konfront tal-ewwel u t-tieni aggravji.

8. Dwar <u>l-ewwel aggravju</u> ma jikkummenta xejn fir-rigward tal-argument tal-konvenuti li, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, għadhom fiċ-ċans li jappellaw mis-sentenza preliminari; isostni biss li l-ewwel Qorti kellha raġun issib li r-raġuni għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ma kinitx attendibbli u sodisfaċenti.

9. Dwar <u>it-tieni aggravju</u> jsostni li ma kienx il-każ li l-ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza abbażi tal-kontumaċja mingħajr ma qieset il-mertu. Jaċċennaw għall-fatt li anke minn qari superfiċjali tas-sentenza

jidher li l-ewwel Qorti għarblet sew il-provi u applikathom għat-tliet elementi tal-*Actio Spolii* li jirriżultaw sodisfatti.

10. L-attur appellat ukoll jilmenta bil-fatt li l-konvenuti preżentaw numru ta' dokumenti mar-rikors tal-appell tagħhom minkejja l-istat ta' kontumaċja tagħhom u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 150 tal-Kap 12. Fil-fatt jgħid:

> *"Illi kontestwalment ma' din ir-risposta l-attur appellat ser jintavola rikors appożitu għall-isfilz ta' dawn id-dokumenti stante li ġew ippreżentati minn parti fi stat ta' kontumaċja u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Onorabbli.*

Ma jidhirx pero` li ġie ppreżentat fl-atti l-imsemmi rikors għall-isfilz ghalkemm il-kwistjoni ser tirrizulta rizolta bil-konsiderazzjonijiet li ser isiru aktar 'il quddiem.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Dwar l-ewwel aggravju:**

11. Dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti jirrigwarda l-kwistjoni tal-kontumaċja u f' dan ir-rigward saru żewġ ilmenti:

(i) Fl-ewwel lok jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza finali kkummentat li s-sentenza preliminari dwar il-ġustifikazzjoni ma ġietx appellata, u jargumentaw li invece

kien għadhom fiċ-ċans li jappellaw mis-sentenza preliminari; u

(ii) Fit-tieni lok jargumentaw li Joseph Bajada kellu impediment leġittimu lil hinn mir-rieda volontarja tiegħu, liema impediment jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u għalhekk "*umilment jitlob li jitħalla jippreżenta d-difiża tiegħu".*

12. Kwantu għall-kumment tal-ewwel Qorti (fis-sens li s-sentenza preliminari ma ġietx appellata, ossia għaddiet in ġudikat), għandhom raġun isostnu li invece kienet għadha teżisti l-opportunita` ta' appell minnha flimkien mas-sentenza finali. Huwa risaput li deċiżjoni dwar il-ġustifikazzjoni o meno tal-kontumaċja hija sentenza, u bħala tali huwa applikabbli l-Artikolu 231 tal-Kap 12[2] li jipprovdi li appell minn sentenza parzjali jista' ssir kemm qabel is-sentenza finali (jekk ikun tintalab u ngħata permess f'dan ir-rigward), jew flimkien mal-appell mis-sentenza finali:

> *"231. (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> *Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum*

[2] Vide **Emanuel Micallef v. Clint Zammit**, App. Ċiv. 12.07.2019

*minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ.*

*(2) Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wieħed jew iktar minn konvenut wieħed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza.*"

13. It-tieni parti ta' dan l-aggravju huwa fil-fatt appell mis-sentenza parzjali. Għal intendiment aħjar din il-Qorti ser tirriproduċi l-parti rilevanti mis-sentenza parzjali.

"**IKKUNSIDRAT**

Kif jirrizulta mill-atti:

- fid-29 ta' April, 2019 il-konvenuti Joseph Bajada u Karen Bajada ma accettawx in-notifika, fil-waqt li Carmel Attard gie rapurtat li ma kienx id-dar u martu ma accettatx in-notifika ghalih;

- fl-14 ta' Mejju, 2019 il-Marixxal ghamlet tentattiv iehor u dak inhar kemm Karen Bajada kif ukoll Carmel Attard accettaw in-notifika;

- fis-17 ta' Mejju, 2019 il-Marixxall tirraporta illi meta marret sabiex tinnotifika lil Joseph Bajada ma fetah hadd u minkejja li halliet nota sabiex jaghmel kuntatt maghha dan il-konvenut baqa' ma ghamel xejn;

- fl-14 ta' Gunju, 2019, fl-ewwel seduta l-attur ipprezenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi r-rifjut tan-notifika ta' Joseph Bajada jitqies bhala notifika pozittiva. Dak inhar ukoll il-konvenuti kollha dehru ghas-seduta fejn taw ruhhom notifikati bir-rikors izda ma sar ebda tentattiv sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom. Dak inhar stess ukoll il-konvenuti ntimati pprezentaw ir-risposta guramentata taghhom fir-registru;

- Fis-17 ta' Gunju, 2019 il-konvenut Joseph Bajada ntavola risposta ghar-rikors ta' l-attur rikorrent ta' l-14 ta' Gunju, 2019 u mieghu pprezenta certifikat tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, datat 14 ta' Gunju, 2019 in sostenn ta' l-argument tieghu illi meta huwa rrifjuta n-notifika ma kienx qed jifhem il-konsegwenzi ta' l-agir tieghu minhabba illi jbati minn *Borderline Personality Disorder*;

- Fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 il-konvenuti ma dehrux u lanqas deher l-avukat taghhom fil-waqt illi l-attur oppona t-talba ghal differiment. Instemghet ix-xhieda tal-Marixxall u l-attur ghalaq il-provi tieghu dwar il-mertu;

- Fis-seduta tat-19 ta' Frar, 2020 xehed il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri fejn ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mahrug minnu u l-konvenuti[3] ntavolaw rikors fil-mori tad-differiment fejn talbu li l-Qorti takkorda l-gustifikazzjoni tal-kontumacja u taghti l-permess lill-konvenut idahhal risposta.

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tqis illi sabiex persuna tirrendi ruhha kontumaci hija trid tkun giet notifikata bl-att gudizzjarju izda minkejja n-notifika pozittiva hija tonqos illi tipprezenta risposta fit-terminu moghti lilha. Ghalkemm il-konvenut intimat Joseph Bajada fir-risposta tieghu tas-17 ta' Gunju, 2019 jghid illi l-kundizzjoni mentali tieghu rrendietu nkapaci jaghmel gudizzju kif misthoqq rigward in-notifika, meta huwa mbaghad ipprezenta r-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja huwa effettivament kien qed jaccetta illi gie debitament notifikat bir-rikors guramentat dak inhar illi huwa ghazel illi ma jaccettax tali notifika u cioe' fid-29 ta' April, 2019. Dan qed jinghad stante illi sabiex intimat jirrendi ruhu fi stat ta' kontumacja l-ewwel irid ikun gie notifikat bl-att promotur. Dan ifisser illi meta l-konvenut talab illi jiggustifika l-kontumacja tieghu huwa stess kien qed jiddikjara illi gie notifikat bir-rikors guramentat.

Il-Qorti tinnota illi dan il-konvenut jittenta jaghmel uzu minn xhieda illi kienet mahsuba illi ixxejjen it-talba ta' l-attur rikorrent liema talba saret fir-rikors ipprezentat fl-14 ta' Gunju, 2019, u issa qed juzaha sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu – uzu diametrikament oppost ghall-ghan illi ghalih kienet mahsuba fl-ewwel lok!

Gia la darba bir-rikors tieghu tad-19 ta' Frar, 2020, il-konvenut Joseph Bajada accetta illi huwa gie debitament notifikat fid-29 ta' April, 2019 dan ifisser li l-ghoxrin jum mid-data tan-notifika kien jiskadi fit-18 ta' Mejju, 2019. Minn konvenut mistenni li wara li jigi notifikat bl-att promotur, huwa jressaq id-difiza tieghu permezz ta' risposta guramentata skont kif jinghad fl-Artikolu 158 u jekk jonqos li jaghmel dan il-qorti tista' tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci. Dan premess, huwa akkolt f'gurisprudenza pacifika illi "*l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni, u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali*"[4]

Il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 2019 il-konvenuti ghalkemm prezenti fl-awla naqsu milli jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u ma saret ebda talba f'dan is-sens, anzi jirrizulta illi minghajr ebda awtorizazzjoni tal-Qorti huma qabdu u pprezentaw risposta guramentata. Hija l-opinjoni ta' din il-Qorti illi dan l-agir juri dispett lejn l-Awtorita' ta' din l-istess Qorti u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna l-isfilz tar-risposta guramentata mill-atti.

---

[3] Fil-fatt kien il-konvenut Joseph Bajada biss li ippreżenta tali rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja

[4] Joseph Vella proprio et nomine v. John Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993

Rigward it-talba ghall-gustifikazzjoni, din saret fi Frar, 2020, saret minn konvenut wiehed biss, Joseph Bajada, saret ben tmien xhur wara li pprezenta r-risposta guramentata u r-raguni li ghogbu jaghti lill-Qorti kienet l-istess wahda wzata minnu sabiex jiggustifika ghaliex ma accettax in-notifika tar-rikors guramentat. Il-Qorti ma tistax tinjora wkoll il-fatt illi c-certifikat psikjatriku gie pprezentat mar-risposta tas-17 ta' Gunju, 2019 u d-data tac-certifikat mahrug mill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri hija 14 ta' Gunju, 2019, id-data meta saret l-ewwel seduta, xahrejn wara li l-konvenut irrifjuta n-notifika. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi r-raguni moghtija ma hix wahda attendibbli u sodisfacenti.

Barra minn hekk fil-konfront taz-zewg konvenuti l-ohra Karen Bajada u Carmel Attard jirrizulta illi dawn gew notifikati fl-14 ta' Mejju, 2019. It-terminu ghall-prezentata tar-risposta kien jaghlaq fit-2 ta' Gunju, 2019 mentri r-risposta giet ipprezentata fl-14 ta' Gunju, 2019. Dawn iz-zewg konvenuti lanqas talbu sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u ghalhekk ghandhom jitqiesu fi stat ta' kontumacja. Barra minn hekk, bhall-konvenut Joseph Bajada dawn il-konvenuti qabdu u pprezentaw ir-risposta guramentata minghajr il-permess tal-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti wara li semghet ix-xiehda, u qieset l-atti kollha tiddikjara ruhha bhala mhux sodisfatta li l-konvenuti kellhom raguni tajba biex ma jipprezentawx risposta guramentata.

**DECIDE**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi fil-waqt illi tordna l-isfilz tar-risposta guramentata mill-atti [5] u dan ghar-ragunijiet moghtija, tiddikjara illi t-tliet konvenuti huma kollha kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu."

14. Għalkemm huma t-tliet konvenuti appellanti li jargumentaw li "*għadhom fiċ-ċans li jappellaw minn nuqqas ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja kif effettivament qed jagħmlu permezz ta' dan l-ewwel aggravju",* il-konvenuti Karen Bajada u Carmel Attard lanqas talbu li jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom (kif fil-fatt osservat l-ewwel Qorti).

[5] Din il-Qorti tosserva li r-risposta ġuramentata tat-tliet konvenuti għadha tinsab fl-atti (fol 26 et seq)

Kien biss il-konvenut Joseph Bajada li talab il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu u fil-fatt jidher li huwa l-istess Joseph Bajada waħdu li f'dan l-ewwel aggravju jsostni li hemm "*impediment leġittimu lil hinn mir-rieda volontarja **tiegħu** liema impediment jiġġustifika l-kontumaċja **tiegħu** u umilment **jitlob** li jitħalla jippreżenta d-difiża ampja **tiegħu**.*" (enfasi ta' din il-Qorti). L-imsemmi Joseph Bajada jsostni li meta rrifjuta n-notifika tal-att ġudizzjarju ma kienx fi stat tajjeb ta' saħħa mentali biex jifhem il-konsegwenzi serjissimi għal tali aġir.

15. L-ewwel Qorti rriteniet li bil-fatt stess li Joseph Bajada ippreżenta rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja (fid-19 ta' Frar 2020) huwa kien qed jaċċetta li ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat dakinhar tad-29 ta' April 2019 minkejja li kien irrifjuta n-notifika. Għalhekk kif josserva l-attur appellat, li l-konvenut Joseph Bajada kien kontumaċi mhux ikkontestat.

16. It-tieni parti ta' dan l-ewwel aggravju effettivament jirrigwarda r-raġuni għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ta' Joseph Bajada. Joseph Bajada kien ippreżenta ċertifikat mediku maħruġ mill-psikjatra Joseph Spiteri li jaqra hekk:

> *"This is to confirm that the above mentioned has been known to me for a number of years. He suffers from borderline personality disorder with episodes of psychosis. He is under mhy psychotic care for the above (…) Mr Bajada has an abnormal thought process which has affect (sic) his ability to decide what is right or wrong. He is also paranoid at times. I understand that in the period mentioned (April 2019) Mr Bajada was somewhat disturbed mentally".*

17. L-istess psikjatra fix-xiehda tiegħu ddikjara li l-konvenut fl-ewwel lok għandu IQ pjuttost baxxa, fit-tieni lok għandu *borderline personality disorder*, u fit-tielet lok ikollu episodji fejn isir psikotiku u jista' anke jkun ta' perikolu lejh innifsu. Spjega li Joseph Bajada jattendi l-*outpatients* regolari. Mistoqsi kif jista' jgħid b'ċertezza li f'April 2019 meta marret il-marixxall u l-konvenut Joseph Bajada ma aċċettax in-notifika kien fi stat ta' psikożi, wieġeb "*għaliex jiena għandi l-history tiegħu u f'dik il-perjodu kien ma jiflaħx u kellu ħafna mediċini. Issa kienx jeħodhom jew le that's another thing.*" Żied jgħid li l-psikożi ddum minn ġimgħat għal xhur u li kieku ma kinux il-mediċini anke snin. Qal li meta bniedem ikun fi stat ta' psikożi jista' jkun ta' periklu għalih jew għal ħaddieħor. Kompla jgħid hekk:

> *"…jiena meta tlajt nixhed illum semmejt ukoll li għandu naqra low IQ ukoll. Hawnhekk ġo dan iċ-ċertifikat ma semmejthiex. Pero` l-cocktail kollu tal-kundizzjonijiet li għandu hija ċara illi l-low IQ iġiegħlu jaħseb b'mod riġidu ħafna u minħabba dan l-aspett imbagħad hemm il-kundizzjoni ta' borderline personality disorder illi b'definizzjoni jiġifieri ma tantx jitgħallem mill-esperjenzi li jkun għadda minnhom, ma jkunx kapaċi jkollu relazzjonijiet tajbin ħafna, għalkemm fil-fatt huwa miżżewweġ, u kultant il-borderline personality disorder ikollhom episodji ta' psikożi, speċjalment meta jkunu they receive a threat, meta jħossu li hemm xi naqra problema minflok imorru passiġġata jew ipejpu sigarrett isiru naqra paranoid u jsiru psikotiċi…Meta jsiru psikotiċi ma jibqgħux in kuntatt mar-realta` u jistgħu ikunu illi d-delużjonijiet li jkollhom jirriflettu l-kundizzjoni li għandhom, jiġifieri ċ-ċirkostanzi they go out of proportion mir-realta` tal-ħajja ta' kuljum."*

18. L-ewwel Qorti jidher li skartat għal kollox il-kontenut taċ-ċertifikat tal-psikjatra u tad-depożizzjoni tiegħu u dehrilha li r-raġuni mogħtija għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ma kinitx waħda attendibbli u sodisfaċenti

in vista tal-fatt li:

- It-talba għall-ġustifikazzjoni saret fid-19.02.2020 cioe` tmien (8) xhur wara li ppreżenta r-risposta ġuramentata fis-17.06.2019;

- Ir-raġuni li ta biex jiġġustifika l-kontumaċja kienet l-istess waħda biex jiġġustifika għaliex ma aċċettax in-notifika fid-29.04.2019;

- Id-data taċ-ċertifikat tal-psikjatra hija 14.06.2019, cioe` l-istess data meta saret l-ewwel seduta, u xahrejn wara li rrifjuta n-notifika.

19. Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-Ewwel Qorti. Wara li qieset iċ-ċertifikat u d-depożizzjoni tal-psikjatra, minn fejn jirriżulta li l-konvenut Joseph Bajada ilu għal diversi snin taħt kura psikjatrika, u li huwa persuna vulnerabbli bi problemi mentali tali li jirrenduh inkapaċi jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, hija sodisfatta li l-istess konvenut għandu (u kellu fiż-żmien tar-rifjut tan-notifika tar-rikors ġuramentat) impediment leġittimu lil hinn mir-rieda tiegħu, u allura l-kontumaċja tiegħu għandha titqies bħala ġustifikata.

20. F’dan ir-rigward tagħmel riferenza għal sentenza riċenti li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-12 ta’ Ottubru 2020 fil-kawża fl-

ismijiet **<u>FC v. AC</u>** (216/2019) fejn ġie ritenut li l-kontumaċja kienet ġustifikata f'każ fejn il-persuna kienet tbati minn *depressive disorder* tali li jirrendiha diffiċli għaliha, u f'każijiet impossibbli, li tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha ta' kuljum.

> *"Il-Qorti rat illi mix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio jirrizulta li l-konvenut ibaghti minn depressive disorder u li b'konsegwenza ta' dan il-konvenut jesperjenza nuqqas ta' hegga biex jiehu hsieb lilu nnifsu u l-affarijiet ta' kuljum, nuqqas ta' motivazzjoni u koncentrazzjoni, kif ukoll ansjeta, u li huwa jiehu medikazzjoni sabiex jikkontrolla din il-kondizzjoni, kif ukoll medikazzjoni sabiex ikun jista' jorqod bil-lejl.*
>
> *Ikkonsidrat dan, il-Qorti tqis illi ma jistax jinghad li l-konvenut naqas milli jirrispondi entro t-terminu legali b'xi dispett jew disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti. Huwa minnu li l-Psikjatra kuranti tieghu ma setghax jghid b'certezza x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiz-zmien meta rcieva r-rikors guramentat tal-attrici peress illi kien ilu ma jarah xahar, pero fil-fehma tal-Qorti ikkonsidrat l-ispjegazzjoni ta' dan ix-xhud dwar kif il-kondizzjoni medika tal-konvenut taffetwah fil-hajja ta' kuljum tieghu, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubbju. Dan ikkonsidrat illi f'dak li ghandu x'jaqsam mal-prezentata ta' risposta guramentata qieghdin fil-kamp tad-dritt fondamentali ta' smiegh xieraq, li m'ghandux jigi mittiefes minghajr raguni valida, specjalment meta jigi muri lil Qorti li l-konvenut ibaghti minn kondizzjoni medika li taghmilha ferm difficli, jew mhux xi drabi impossibbli ghalih, li jiggestixxi l-affarijiet tieghu ta' kuljum…..*
>
> *….omissis….*
>
> *Fid-dawl tal-kondizzjoni medika tal-konvenut, il-Qorti tikkonsidra li n-nuqqas tieghu li jipprezenta r-risposta entro termine ma kienx kolpuz u kien dovut ghal impediment legittimu ikkawzat mir-riperkussjonijiet ta' din il-kondizzjoni, u dan l-impediment kien certament kontra l-volonta tal-konvenut. Il-fatt li huwa kien ghalliem u li ghalhekk jaf jaqra sew kif argumentat l-attrici m'ghandu l-ebda relevanza f'dan il-kuntest peress illi x-xhieda tal-Psikjatra kuranti tal-konvenut turi illi l-problema m'hijiex fis-sens illi l-konvenut ma jifhimx dak li jkun qed jaqra izda li, b'konsegwenza tal-kondizzjoni tieghu, ma jkollux il-motivazzjoni sabiex jiehu hsieb l-affarijiet tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-kontumacja tal-konvenut hija gustifikata, u minn dan isegwi li l-konvenut ghandu jinghata terminu entro liema jipprezenta r-risposta guramentata tieghu."*

21. <u>Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju u tiddikjara li l-konvenut Joseph Bajada effettivament iġġustifika l-kontumaċja tiegħu</u>.

22. Isegwi għalhekk li s-sentenza parzjali tat-3 ta' Lulju 2020 għandha tiġi revokata fir-rigward tal-konvenut Joseph Bajada, iżda tibqa' valida in kwantu kkonfermat il-kontumaċja taż-żewġ konvenuti l-oħra Karen Bajada u Carmel Attard li fil-fatt qatt ma ntentaw jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom.

23. Isegwi wkoll li r-risposta ġuramentata tat-tliet konvenuti tal-14 ta' Ġunju 2019, li għalkemm skont is-sentenza parzjali appellata tat-3 ta' Lulju 2020 kellha tiġi sfilzata għadha tinsab fl-atti a fol 26 et seq, għandha tibqa' fl-atti vis-à-vis il-konvenut Joseph Bajada biss u l-atti għandhom jiġu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex hija tiddeċiedi l-mertu mill-ġdid fil-konfront tal-istess Joseph Bajada fid-dawl tar-risposta ġuramentata msemmija u wara li jkun ressaq il-provi tiegħu.

24. <u>It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji</u> jirrigwardaw is-sentenza finali tal-15 ta' Jannar 2021 u għalhekk in vista tas-suespost ser jiġu kkunsidrati vis-à-vis il-konvenuti Karen Bajada u Carmel Attard biss u mhux ukoll il-konvenut Joseph Bajada.

25. Fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2003 fil-kawża fl-ismijiet **<u>London Services Ltd v. Regina Bianca Ltd</u>** din il-Qorti kienet irriteniet li anke jekk l-appellanti tkun fi stat ta' kontumaċja, xorta għandha d-dritt li

tappella fil-mertu:

> *"Fil-fehma ta' din il-Qorti, darba li stat ta' kontumacja mhux biss ma jammontax ghal xi ammissjoni imma ghandu jitqies bhala kontestazzjoni u billi wkoll parti in kontumacja ghandha dritt li tappella, allura dan ifisser li – fil-limitazzjonijiet inflitti fuqha nfisha bin-nuqqasijiet taghha – dik il-parti appellanti, ankorke` kontumaci, ghandha d-dritt li tappella fil-meritu."*

26. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-aggravji din il-Qorti ser tirriproduċi l-parti rilevanti mis-sentenza finali.

> "Fil-kaz odjern l-attur ressaq ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti diversi affidavits ta' persuni li huma midhla tar-raba maghruf bhala Ta Ghajn Lukin. Fost dawn ix-xhieda hemm x-xhud Carmelo Attard li fl-affidavit tieghu[6] jaghti narrattiva cara mmens dwar min jokkupa l-art in kwistjoni kif ukoll dik tal-madwar. Meta jitkellem fuq l-art in kwistjoni jirreferi ghaliha bhala l-ghalqa ta' l-attur. Jghid ukoll illi "..*l-attur ghandu kamra tad-dawl u din il-kamra ilha hemm madwar tletin sena."*[7]
>
> Xhud iehor, Joseph Vella, maghruf bhala ta' Flusu fl-affidavit tieghu jixhed illi ;
>
> *…L-ghalqa li nahdem jien tmiss ma l-ghalqa ta Kalang Attard maghruf bhala ta Frendu. Jien ilni midhla t'hemmhekk xi madwar hamsa u tletin (35) sena u dejjem hdimtu r-raba. Nispjega li almenu darba f'gimgha dejjem mort fl-ghalqa li hemm il-kwistjoni dwarha dejjem rajt lil ta Frendo*
>
> Victor Attard, li huwa l-utent registrat rigward il-kontijiet tad-dawl esebiti fl-atti[8] jafferma li l-ghalqa in kwistjoni :
>
> *..ilha f'idejn il-familja tieghi ghal `il fuq minn 45 sena. Illum hija propjeta ta' Michaelangelo Attard.*
>
> Aktar 'il isfel fl-affidavit dan ix-xhud jispjega li l-konvenut Carmel Attard ghandu wkoll raba f'Ghajn Lukin, izda dan ir-raba ma jmissx ma' ta' l-attur ghax bejn ir-raba tal-konvenut u dak ta' l-attur hemm raba iehor illi huwa ta' Peppi Vella maghruf bhala ta' Flusu.
>
> Illi lura ghall l-elementi ta' l-azzjoni, il-Qorti wara li qieset il-provi kollha hija tal-fehma li rigward l-element tal-pussess, dan jinsab pjenament sodisfatt.

---

[6] A fol 41 sa 42 tal-process
[7] Ara affidavit ta' Carmelo Attard a fol 41 tal-process
[8] A fol 53 u fol 63 tal-process

Rigward l-element ta' tehid ta' pussess bl-eghmil tal-konvenuti, l-atturipprezenta rapport illi ghamel lill-Kummissarju tal-Pulizija tramite l-Avukat ta fiducja tieghu datat 11 ta Marzu, 2019 fejn gharrafu li fis-7 ta' Marzu 2019 il-konvenuti Joseph Bajada u Carmel Attard kienu qacctu l-bieba tal-kamra agrikola li tinsab fl-ghalqa tieghu kif ukoll kissru is-sub meter.

Barra minn hekk ix-xhud Marie Lourdes Borg fl-affidavit taghha[9] tafferma li

*….l-konvenuti inqabdu bic-CCTV cameras ta Louis Atatrd jivvandalizzaw il-kamra taz-ziju".* Tkompli li "…*ic-CCTV li ha Louis Attard fejn jidher li fid-disgha (9) ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019) zewg persuni li jixbhu ferm lil Joseph Bajada u Carmel Attard zgassaw il-bieb tal-kamra li kien imsakkar b'katnazz billi uzaw grinder. Fis-CCTV jidhru ukoll dawn iz-zewg persuni igorru l-bieba il-fuq u jidhlu gol kamra ta Carmelo Attard.*

Tkompli tghid li *"…sussegwentement u cioe' wara l-incident tal-bieba, inzertajna fl-ghalqa jien u hija u fit-13 ta' Marzu, 2019 rajna il-vettura ta Joseph Bajada fl-ghalqa taz-ziju. Dakinhar ghadda minn fuq il-wicc taz-zergha u ghafgu*." Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn din ix-xhud hija korroborata bix-xhieda ta' Louis Attard[10] .

Fid-dawl ta' dawn il-fatti t-tieni element huwa ppruvat ukoll.

Rigward it-tielet element cioe' li l-azzjoni ta' spoll trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn minn meta jsir l-att spoljattiv, il-Qorti tinnota li skont ma jirrizulta mill-atti l-att spoljattiv sehh fid-9 ta' Marzu 2019 u granet sussegwenti filwaqt li l-kawza giet intavolata fit-12 ta' April, 2019. Dan ifisser li dan l-element huwa sodisfatt ukoll.

Illi ghalhekk l-pretensjonijiet attrici jirrizultaw ippruvati, u fil-verita' lanqas huma kontestati, ghax kif gia nghad qabel il-intimat gew dikjarati kontumaci b'sentenza preliminari li ma gietx appellata.

**Decide.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti , taqta' u tiddeciedi, billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici.

L-ispejjez ta' din il-kawza, inkluz dawk tas-sentenza tat-03 ta' Lulju, 2020 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum."

9 A fol 48 sa 49 tal-process

10 A fol 50 tal-proċess

**<u>Dwar it-tieni aggravju</u>**:

27. Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-linja ta' ħsieb li fuqha ġiet deċiża din il-kawża hija skorretta u tmur kontra l-prinċipju legali tal-kontumaċja. Dan jgħiduh minħabba li l-ewwel Qorti qalet (enfasi tal-appellanti):

> *"Illi għalhekk il-pretenzjonijiet attriċi jirriżultaw pruvati u fil-verita` <u>lanqas huma kkontestati, għax kif ġia ingħad qabel, l-intimat(</u>*<u>i)</u> *<u>ġew dikjarati kontumaċi</u> b'sentenza preliminari li ma ġietx appellata*".

28. Għandhom raġun l-appellanti jsostnu li meta wieħed ikun kontumaċi dan ifisser li bis-silenzju tiegħu jkun qed jikkontesta dak pretiż mill-parti l-oħra. Fil-fatt huwa risaput li l-kontumaċja ma tammontax għal xi ammissjoni. Madanakollu, minkejja dan il-kumment skorrett tal-ewwel Qorti, ma jistax jingħad li l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi abbażi tal-kontumaċja tal-konvenuti. Kif wieħed jista' jara fil-parti riprodotta (*vide supra*), l-ewwel Qorti eżaminat u fliet bir-reqqa l-provi prodotti mill-attur u kien proprju abbażi ta' tali provi li rriżultalha li t-tliet element tal-*Actio Spolii* kienu jissussistu.

29. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan it-tieni aggravju huwa bla bażi.

**<u>Dwar it-tielet aggravju:</u>**

30. Fit-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi għaliex "*ma jirriżultax kuntratt pubbliku wieħed li b'xi mod jew ieħor seta' qatt ikkonvinċa l-Qorti illi l-istess attur għandu jedd u pussess validu b'titolu tal-passaġġ in kwistjoni*". Isostnu li għandhom kuntratti pubbliċi "*li jxejnu l-allegazzjonijiet infondati fiergħa u bla bażi tal-attur",* liema kuntratti pubbliċi huma ppreżentaw kopji tagħhom mar-rikors tal-appell.

31. Fl-ewwel lok għandu jingħad li anke li kieku l-appellanti ma kinux kontumaċi, lanqas kien ikun possibbli għalihom li fl-istadju tal-appell jippreżentaw dokumenti li setgħu ppreżentaw fil-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti. Dan qed jingħad għaliex għalkemm l-Artikolu 145[11] tal-Kap 12 jipprovdi li

> "*Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor*"

l-interpretazzjoni li qegħda tingħata lil dan l-artikolu hija fis-sens li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma jkunux disponibbli fl-ewwel istanza[12]. *Multo magis* allura meta l-appellanti huma kontumaċi.

32. Fit-tieni lok jiġi mfakkar li l-iskop tal-*Actio Spolii* huwa biex ikun

[11] Taħt l-intestatura "***Fuq il-Proċedimenti b'rikors biex isir appell"***
[12] Vide per eżempju **Maria Dolores Falzon v. Monica Debarro** Q. App. 17.06.2019

salvagwardjat il-pussess ta' dak li jkun u mhux biex jigi determinat jekk ghandux dritt ghal dak il-pussess. Għalhekk anke kieku kellu jitqies li tali dokumenti effettivament jikkostitwixxu prova ta' xi dritt tal-appellanti fuq l-ambjenti in kwistjoni ma kienu ser jipprovdu l-ebda konfort lill-konvenuti appellanti għaliex kwistjonijiet petitorji huma rrilevanti f'azzjoni possessorja bħal ma hija din odjerna, intiża biex tipproteġi l-ordni pubbliku, sabiex ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh.

33. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

**Dwar ir-raba' aggravju:**

34. Fir-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jargumentaw li "*what is good for the goose is good for the gander*" u jikkummentaw li huwa tajjeb li jaċċennaw għal diversi atti spoljattivi li għamel l-attur da parti tiegħu fil-konfront tagħhom. Fil-fatt jelenkaw diversi atti li allegatament saru mill-attur u li fir-rigward tagħhom għamlu ittri uffiċjali/rapport mal-pulizija (kopja ta' liema dokumenti ġew ukoll annessi mar-rikors tal-appell tagħhom, u li allura dwarhom japplika dak li diġa` irriteniet din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju preċedenti fir-rigward tal-kuntratti li wkoll esebew mar-rikors tal-appell).

35. Dan ir-raba' aggravju huwa kompletament infondat għaliex

kwalsiasi aġir spoljattiv li allegatament għamel l-attur fil-konfront tagħhom seta' jkollu rilevanza biss kieku ma kinux kontumaċi u fir-risposta ġuramentata eċċipew id-difiża tal-*vim vi repellere licet.*

**DECIDE**

36. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda:

(i) **Kwantu għas-sentenza preliminari tat-3 ta' Lulju 2020 dwar il-kontumaċja tal-konvenuti: tħassarha fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada iżda tikkonfermaha fil-konfront tal-konvenuti l-oħra Karen Bajada u Carmel Attard;**

(ii) **Kwantu għas-sentenza finali tal-15 ta' Jannar 2021 dwar il-mertu tal-Actio *Spolii*: tikkonfermaha fil-konfront tal-konvenuti Karen Bajada u Carmel Attard, iżda tiddikjara li mhix applikabbli fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada;**

(iii) **Sussegwentement tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi t-talbiet ta' din l-*Actio Spolii* fil-konfront ta' Joseph Bajada abbażi tal-eċċezzjonijiet tiegħu u tal-provi**

**li jressaq.**

**(iv) Tiddikjara li r-risposta ġuramentata tat-tliet konvenuti (li minkejja li kellu jiġi sfilzat għadu jinsab fl-atti) għandu jibqa' fl-atti u jkun applikabbli fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada;**

**(v) Kwantu għall-ispejjeż tal-ewwel Qorti (kemm tas-sentenza preliminari u kif ukoll tas-sentenza finali) dawn għandhom jigu decizi eventwalment skont l-ezitu finali u l-ispejjez tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr